MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Numru 968/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Paul Bonello**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Paul Bonello ta’ 45 sena bin Angelo u Verginia nee’ Cesare, imwieled il-Pieta’ fid-29 ta’ Jannar 1963 u residenti 94, Triq ix-Xatt ta’ Bormla, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 82763 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-23 ta’ Settembru 2008, ghall-habta ta’ l-4.30 ta’ wara nofsinhar, mill-inhawi ta’ Smart City gewwa l-Irnella, ikkommetta is-serq ta’ arblu tal-bnadar tal-fibre, liema valur jeccedi l-232. 94 euros, ghad-dannu tal-kumpanija Smart City (Malta) u entitajiet ohra, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-lok.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 15 ta’ Gunju 2009 (esebita a fol. 58 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 261 (c), 261 (e), 267, 269(c), 279(a), 280(1), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) Fl-artikoli 31, 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta’ Ottubru 2009 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta’ arblu tal-bnadar tal-fibre li mix-xhieda ta Franco Degabriele li xehed fl-udjenza tal-11 ta Dicembru 2008 u mid-dokument inserit a fol. 12 tal-process jirrizulta li kien jiswa €197.88, liema serq sehh fit-23 ta’ Settembru 2008 ghall-habta tal-4.30pm mit-triq li taghti ghal Smart City u liema serq sehh ghad-detriment

ta’ Smart City. Mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg (inserita a fol. 13 tal-process) jirrizulta li ghall-habta tal-5.10pm huwa u PC 229 Kenneth Camilleri kienu qed jaghmlu patrol fl-inhawi ta’ Bormla u l-Birgu meta lemhu karozza wieqfa u bil-windcreen miksur. Meta huma waqfu sabiex jaraw jekk is-sewwieq ta’ din il-vettura kellux bzonn xi haga dan infurmahom li l-windscreen tal-vettura tieghu u l-istess vettura kienu intlaqtu minn arblu tal-fibre li kien tar jew waqa minn fuq trukk li wkoll kien ghadu fuq il-post. Meta l-Pulizija kellmet lis-sewwieq ta’ dan it-trukk bin-numru tar-registrazzjoni CAR 739 u dan gie identifikat bhala l-imputat Paul Bonello, sabet arblu tal-fibre miksur fuq wara ta’ dan it-trukk. L-Ispettur Jesmond Borg xehed li huwa mal-ewwel gharaf dan l-arblu bhala wiehed mill-arbli li kien hemm fit-triq li taghti ghal Smart City u dan minhabba il-forma partikolari tan-naha ta’ fuq tal-arbli li kien hemm fl-imsemmija triq u li kienu gew installati mill-propjetarji ta’ Smart City meta saret l-inawgurazzjoni tas-sit ta’ kostruzzjoni u anki minhabba l-fatt li f’dawk l-ahhar gimghat kienu insterqu hafna minn dawn l-arbli. L-Ispettur Borg spjega wkoll li meta huwa staqsa lill-imputat minn fejn kien gab dan l-arblu dan ghall-ewwel qallu li kien arblu tat-tizjin tal-festa izda meta l-Ispettur kompla jinsisti li dan l-arblu kien ittiehed minn Smart City l-imputat ammetta li kien ha dan l-arblu minn Smart City.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 19 sa 21 tal-process) fejn qal li l-arblu in kwisjtoni kien rah mal-art f’ghalqa fit-triq li taghti ghal Smart City u rraguna li jekk ma kienx ser jiehdu hu kien ser jiehdu haddiehor u ghalhekk ghabba dan l-arblu fit-trukk li kien qed isuq u telaq minn fuq il-post. Huwa spjega li l-arblu inkiser meta waqalu mit-trukk u ghaddew minn fuqu il-vetturi li kienu qed jipprocedu fit-triq dak il-hin. L-imputat qal li kien ser jiehu dan l-arblu fl-imhazen li juzaw ghall-armar tal-festa sabiex jintuza ghal dan l-iskop.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien seraq l-arblu tal-fibre in kwistjoni u dan ghaliex instab fil-

pussess tieghu ftit ‘il boghod mill-post minn fejn insteraq. Il-Qorti mhux qed temmen dak li qal l-imputat li sab l-arblu mal-art f’ghalqa u ghalhekk hadu u dan anki ghaliex meta huwa instab bl-arblu fil-pussess tieghu huwa l-ewwel qal li dan kien arblu tal-armar tal-festa u kien biss meta l-Ispettur Jesmond Borg gibidlu l-attenzjoni dwar il-fatt li dan kien arblu minn dawk li kien hemm fit-triq li taghti ghal Smart City li huwa mbaghad biddel il-verzjoni u qal li dan l-arblu kien sabu mal-art f’ghalqa. Il-Qorti jidrilha li li kieku verament l-imputat kien sab dan l-arblu mitluq f’ghalqa u hadu huwa ma kien ikollu xejn x’jahbi u kien ghalhekk jaghti din il-verzjoni tal-fatti mal-ewwel lil Pulizija. Il-Qorti ghalhekk ma taqbilx ma dak sottomess mid-Difiza fejn din qalet li l-imputat ha xi haga li kienet abbandunata u mkissra. Dan jinghad anki ghaliex l-imputat stess jammetti li l-arblu fil-fatt tkisser meta waqa mill-vann misjuq minnu u ghalhekk ma kienx miksur meta hadu.

L-imputat jinsab akkuzat b’serq aggravat bil-valur lli jeccedi l-€232.84 u bil-lok. Filwaqt li l-aggravju tal-lok jirrizulta l-istess haga ma tistghax tinghad in kwantu jirrigwarda l-aggravju tal-valur stante li mill-provi rrizulta li l-valur tal-arblu kien ta’ €197.80. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati biss ta’ serq aggravat bil-lok izda mhux ta’ serq aggravat bil-valur.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-valur minimu tal-arblu misruq kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li l-fedina penali tieghu hija relattivament netta u jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva jew sospiza f’dan il-kaz izda biss liberta’ kundizjonata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tad-19 ta’ Mejju 2009 u senjatament l-Artikoli 261, 269 (c) u 281 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu limitatament in kwantu jirrigwarda s-serq aggravat bil-lok u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------